A.L. 73 ta' l-1992

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-1992 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet). Titolu.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Art speċifikata.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1992 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-imsemmi artikolu. Jum stabbilit.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni.

(1) Biċċa art fil-Mosta flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 1/92.

(2) Bċejjeċ ta' art f'Hal-Qormi flimkien mal-bini hemmhekk mibni mmarkati A, B, C u D u li jidhru delineati bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 2/92.

(3) Biċċa art f'H'Attard flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 3/92.

(4) Biċċa art f'San Lawrenz, Għawdex, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 4/92.

(5) Biċċa art f'San Ġwann flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 6/92.

(6) Biċċa art fil-Marsa flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 7/92.

(7) Biċċa art fiż-Żejtun flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 8/92.

(8) Bċejjeċ ta' art f'Hal Far, Birżebbuġa, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li jidhru delineati bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 9/92.

Il-pjanti L.D. 1/92, L.D. 2/92 u L.D. 3/92 huma transunti fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att numru 7 ta' l-1992 tal-15 ta' Jannar, 1992 filwaqt li l-pjanti L.D. 4/92, L.D. 6/92, L.D.7/92, L.D. 8/92 u L.D. 9/92 huma transunti fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att numru 116 ta' l-1992 tat-30 ta' Marzu, 1992.